MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 647/2013

**Avukat Dottor Jean-Philippe Chetcuti**

**bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza**

**tas-socjeta' estera Ecco Sko A/S organizzata taht il-Ligijiet**

**tad-Danimarka u rregistrata bin-numru 45349918 u b'indirizz**

**f'Industrivej 5, 6261 Bredebro, Danimarka**

**vs**

**Dr. Noel Bartolo u P.L. Daniel Aquilina**

**gew nominati kuraturi deputati ghan-nom u in rapprezentanza**

**ta' Yiwi Weizhi Imp & Exp Co., Ltd**

**b'digriet tas-27 ta' Dicembru 2013, u**

**Dr. Noel Bartolo u P.L. Hilda Ellul Mercer**

**gew nominati kuraturi deputati ghan-nom u in rapprezentanza**

**ta' XUYONG persuna jew entita' estera b'indikazzjoni t'indirizz**

**f'M,ARNAUTSKAI, 86/88 KB37, ODESSA u**

**bin-numru telefoniku 00380961969898**

**b'digriet tal-14 ta Mejju 2014**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-2 ta' Lulju 2013 li jghid hekk:

1. IIIi, s-societa attrici hija maghrufa sew fid-dinja, inkluz f'Malta, inter alia in konnessjoni ma' zraben ta' kull tip ghall-irgiel, nisa u tfal tal-marka "ecco" u "natural motion". Is-socjeta attrici hija proprjetarja ta' diversi trademarks li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni mal-istess. B'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi dwar it-trademarks taghha kemm fis-suq barrani kif ukoll dak Malti;

2. IIIi, fost ohrajn, is-socjeta attrici ghandha validament irregistrati bhala Trademarks Komunitarji (CTM) il-marki "ecco" (figurative marks) bin-numri ta' registrazzjoni 000179291, 002967040 u 003477684; il-marki "ecco" (kelma) bin-numri ta' registrazzjoni 008626954, 001149871 u 00179317; u l-marka "natural motion" (kelma) bin-numru ta' registrazzjoni 009385691, kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati bhala "Dok A" sa "Dok G" u dawn, inter alia dwar zraben ta' kull tip ghall-irgiel, nisa u tfal;

3. IIIi, is-socjeta attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitlu erba' mija u erbatax (414) tal-Ligijiet ta' Malta] u tal-'Council Regulation (EC) No. 1383/2003 of 22 July, 2003, concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights, biex b'hekk tgawdi, inter alia, mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) sub-artikolu wiehed (1) paragrafu (a) u tmienja (8) sub-artikolu wiehed (1) tal-istess Kapitlu 414, kif ukoll mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli wiehed (1), tnejn (2) sub-artikolu wiehed (1) paragrafu (a), ghaxra (10), sittax (16) u sbatax (17) tal-istess 'Council Regulation (EC) No. 1383/2003', liema artikoli tal-ligi hawn imsemmija, fost ohrajn, japplikaw ghall-kaz odjern;

4. IIIi, recentement, waqt verifiki u skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-artikolu erbgha (4) tal-istess Kapitlu 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll fl-artikolu wiehed (1) sub-artikolu wiehed (1)

tal-'Council Regulation (EC) No. 1383/2003', id-Direttur Generali tad-Dwana, waqt il-kors ta' procedura doganali, ssosspenda r-rilaxx tal-container ECMU8038308 kontenenti elfejn, hames mija u sitta u tletin (2,536) pari zraben li ghandhom fuqhom trademark "ecco", kif ukoll erbghin (40) par zarbun li ghandhom fuqhom trademark "natural motion", liema oggetti kollha waslu fil-port hieles ta' Marsaxlokk (Malta Freeport);

5. Illi, l-istess Direttur Generali tad-Dwana nforma lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspettuzi sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali. Id-Direttur Generali tad-Dwana ghaddha lill-istess socjeta attrici kopja ta' polza ta' karigu relattiva ghal dan il-kaz intitolata 'DRAFT BILL OF LADING' fejn, bhala 'SHIPPER' hemm indikata "YIWU WEIZHI IMP & EXP CO.,LTD', minghajr indikazzjoni ta' indirizz, filwaqt li bhala 'CONSIGNEE' hemm indikata "TO ORDER", b'indikazzjoni ta' notifika lil "XUYONG" persuna jew entita estera b'indikazzjoni t'indirizz f "M,ARNAUTSKAI 86/88 KB37, ODESSA" u bin-numru telefoniku 00380961969898 (polza ta' karigu hawn annessa u mmarkata 'Dok D');

6. Illi, s-socjeta attrici giet mgharrfa b'din is-sejba fit-tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn iz-zraben, ikkonfermat lill-istess Direttur Generali tad-Dwana li fil-fatt dawn huma zraben falsifikati;

7. Illi, effettivament allura, l-oggetti kollha mertu ta' din il-vertenza, u li d-Direttur Generali tad-Dwana ndika, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li huma oggetti falsifikati. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll, inter alia, u oltre d-disposizzjonijiet ta' ligi hawn fuq imsemmija fil-paragrafu mmarkat numru tlieta (3) ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikolu disgha (9) tal-'Council Regulation (EC) No. 207/2009 on the Community trade mark', tal-artikoli ghaxra (10), erbatax (14) sa dsatax (19) tal-Att dwar it-Trademarks [Kapitolu erba' mija u sittax (416) tal-Ligijiet ta' Malta], u tar-regolament numru disgha (9) tal-avviz legali mitejn u tlieta u tletin (233) tal-elfejn u tlieta (2003);

8. Illi, id-Direttur Generali tad-Dwana pprefigga terminu sal-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) inkluz, sabiex is-socjeta attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

9. Illi, l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

10. Illi, ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi l-attur nomine umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi zraben li ghandhom fuqhom trademark “ecco” u "natural motion", liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tad-Direttur Generali tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container ECMU8038308 kien jikkontjenihom, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li huma oggetti falsifikati;

2. Tordna lid-Direttur Generali tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak ii-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta attrici jew tordna lid-Direttur Generali tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-intimati u ghas-spejjez taghhom;

3. Tiehu, jew tordna lid-Direttur Generali tad-Dwana li fir-rigward ta' dawk l-oggetti, jiehu kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-intimati mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghal-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni.

5. Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati rapprezentanti ta’ Yiwi Weizhi Imp & Exp Co., Ltd tad-29 ta’ Mejju 2014 fejn ecceppew:

1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirrnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista’ ghandha dwar kull mezz ta’ komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk ghandha informazzjoni ohra, oltre dik diga provduta fir-rikors guramentat.

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati rapprezentanti ta' Xuyong tat-30 ta' Mejju 2014 fejn ecceppew:

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirrnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk ghandha informazzjoni ohra, oltre dik diga provduta fir-rikors guramentat.

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjeta attrici hija proprjetarja ta' diversi markji fost ohrajn tal-markji "ecco" u "natural lotion" u dan kif jirrizultua mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks Komunitarji bin-numri 000179291, 002967040, 003477684, 008626954, 001149871, 00179317, u 009385691.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'container numru ECMU8038308 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM JULES VERNE li kien diehel Malta fit-30 ta' Mejju 2013 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' zraben sportivi li jgibu l-markji distintivi tas-socjeta rikorrenti liema konsenja tikkonsisti f'elfejn hames mija u sitta u sebghin (2,576) par zraben sportivi u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 22 ta' Novembru 2013 maghmul minn Michael Solhoj, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Michael Solhoj li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius datat 7 ta' Ottubru 2013. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-elfejn hames mija u sitta u sebghin (2,576) pari zraben sportivi b'container numru ECMU8038308 in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' elfejn hames mija u sitta u sebghin (2,576) pari zraben sportivi b'container numru ECMU8038308 da parti tal-intimati u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti

nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)] u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta rikorrenti fir-Registru tal-Markji ta' Malta;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tal-intimati, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lil-intimati jhallsu l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghal-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit tar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana datat 7 ta' Ottubru 2013;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------